# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 8**
**Rikors numru 32/14 AL**

**Perit Herbert De Bono**

**v.**

**Astrid Francione**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-attur minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fis-16 ta' Dicembru 2014, li permezz taghha dik il-Qorti pprovdiet dwar l-azzjoni attrici, billi t-talba tal-attur ghal dikjarazzjoni li ma tirrizulta l-ebda komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet stante li z-zwieg taghhom gie ddikjarat bhala null u bla effett minhabba ragunijiet attribwibbli lill-konvenuta, giet michuda.

Fatti

2. Il-partijiet izzewwgu fid-29 ta' Ottubru 1961. Mill-provi mhux kontradetti tal-attur jirrizulta illi wara li l-partijiet kellhom l-ewwel tarbija, l-konvenuta bdiet relazzjoni extra-konjugali li minnha twieldet tarbija ohra li l-attur rabba u mantniha qisha tieghu. Fis-sena 1970, il-konvenuta bdiet relazzjoni extra-konjugali ohra ma' ragel Taljan li minnu wkoll kellha tarbija u li l-attur ukoll rabba bhala ibnu. Fis-sena 1981, il-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali u ftit wara telqet minn Malta sabiex tmur tghix l-Italja flimkien mas-sieheb il-gdid taghha, li minnu ghandha tarbija ohra.

3. Fl-10 ta' Settembru 1985, iz-zwieg ta' bejn il-partijiet gie dikjarat null b'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza 376/83[1] ai termini tal-artikolu 19 tal-Att taz-Zwieg [l-Att] u dan wara li kkonsidrat li dak allegat mill-konvenuta ma kienx gie kkontraddett mill-attur. Fil-kontro-talba taghha l-konvenuta kienet ibbazat it-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg fuq il-*capita nullitatis* kontemplati fl-Artikoli 19 [a][2], [d][3] u [f][4] tal-istess Att. Fil-parti dispozittiva tas-sentenza dik il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenuta billi ddikjarat iz-zwieg ta' bejn il-partjiiet "*null u bla effett ai*

[1]Inizjalment dik il-kawza kienet bdiet bhala kawza ta' separazzjoni personali, izda fir-rikonvenzjoni l-konvenuta talbet li z-zwieg jigi annullat minhabba nuqqasijiet da parti taghha,
[2]Li l-kunsens taghha kien inkiseb bi vjolenza morali jew biza
[3]Li l-kunsens taghha kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijet u d-dmirijiet essenzjali taghha.
[4]Li l-kunsens inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali ghall-hajja mizzewwga.

*termini tal-artikolu 19 tal-Att taz-Zwieg tal-1975, b'tort u ragunijiet attrwibbli lill-konvenuta bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenuta*".

Is-Sentenza Appellata

4. Peress li din fiha it-talba tal-attur u l-premessi illi fuqhom hija msejsa, espozizzjoni adegwata tal-fatti li taw lok ghal proceduri odjerni, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti sabiex waslet ghad-decizjoni taghha, huwa opportun li din tigi riprodotta fl-intier taghha:

> "Rat ir-rikors guramentat tal-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :
>
> 1. "Illi b'sentenza tal-10 ta' Settembru 1985, fil-kawza citazzjoni numru 376/83, fl-ismijiet Perit Herbert Debono, awtorizzat biex jaghmel din il-kawza mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, Digriet numru 1149 – Dokument A vs Avukat Dottor Anthony Farrugia bhala prokuratur tal-assenti Astrid Debono, liema sentenza ghaddiet in gudikat, iz-zwieg bejn il-partijiet, tad-29 ta' Ottubru 1961, gie ddikjarat null u bla effett ;
> 2. "Illi bejn id-29 ta' Ottubru 1961 u l-10 ta' Settembru 1985, kienet tezisti bejn il-partijet il-kommunjoni tal-akkwisti ;
> 3. "Illi fil-kawza msemmija, r-rikorrent kien talab sabiex jigi ddikjarat minn dik il-Qorti li Astrid Debono issa Francione, iddekadiet mid-drittijiet taghha mill-komunjoni tal-akkwisti ;
> 4. "Illi il-Qorti kienet ddikjarat li z-zwieg bejn il-partijiet kien null u bla effett u dan wara kontro-talba ghal daqshekk, li kienet ghamlet Astrid Debono issa Francione, sabiex jigi ddikjarat l-annulament taz-zwieg; Dik il-Qorti ma kienitx ddecidiet t-talba tar-rikorrenti ghad-dekadenza tal-konvenuta mill-kommunjoni tal-akkwisti, u ma kien sar l-ebda appell da parti mir-rikorrent ghaliex din kienet sentenza *ab omisse decisione ;*
> 5. "Illi dik il-Qorti kienet annullat z-zwieg b'tort u ragunijiet attribwibbli lil Astrid Debono issa Francione ;
> 6. "Illi z-zwieg bejn il-partijiet ma kienx ikkontrattat in buona fede, anke ghaliex il-konvenuta ikkommettiet iktar minn adulterju wiehed, kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk m'ghandux jipproduci l-effetti kollha ta' zwieg validu, u dan b'referenza ghal Artikolu 20 (1) tal-Att taz-Zwieg ;

“Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

“Tiddikjara li ma tirrizulta l-ebda kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dan stante li z-zwieg taghhom gie ddikjarat null u bla effett u dan minhabba ragunijiet attribwibbli lill-konvenuta;

“Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

“Rat illi l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta guramentata u b’hekk hija kontumaci f’din il-kawza;

“Semghet lix-xhieda illi tressqu;

“Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur;

“Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

“Ikkunsidrat :

“Illi l-qorti ghandha quddiemha talba da parti tar-rikorrent sabiex jigi dikjarat li ma tirrizulta ebda komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet wara li z-zwieg taghhom gie dikjarat null u bla effett.

“L-intimata, minkejja li giet debitament notifikata bl-atti, baqghet qatt ma prezentat risposta guramentata u konsegwentement hija kontumaci f’dawn il-proceduri.

“**<u>Il-Verzjoni tar-rikorrent</u>**

“Permezz tal-affidavit tieghu[5], ir-rikorrent jibda billi jghid kif iltaqa’ mal-intimata. Jispjega li ftit qabel ma ltaqghu, l-intimata kienet hassret minn mal-gharus li kellha b’dan li l-familja taghha kienu haduha bi kbira. Jispjega fid-dettal it-tip ta’ gherusija li kellhom, kif kienu jqattghu il-hin taghhom u x’tip ta’ relazzjoni kellhom b’dan li jghid li l-intimata qatt ma habbitu. Jaghti dettalji wkoll ta’ kif xehdet l-intimat quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku.

“Jispjega kif wara z-zwieg kellhom tifla li semmew Heidi (l-isem tal-holm tal-intimata) b’dan li sussegwentement welldet tarbija ohra, din id-darba frott tar-relazzjoni li hija kellha ma’ Pulizija. Wieghditu li kienet ser titlaq lil dan ir-ragel izda din kienet biss wieghda fiergha. Kellha relazzjonijiet ohrajn b’dan li regghet welldet tarbija ohra, din id-darba minn Taljan. Ir-rikorrent ghal darb’ohra rega’ hafrilha u rabba lil dan it-tifel bhal li kieku kien tieghu. Wara li telqet minn Malta biex tmur

[5]Esebit a fol 10 tal-process

tghix ma' dan it-Taljan, l-intimata kellha tarbija ohra minnu li semmietha Maya.

"Jispjega li z-zwieg taghhom gie annullat f'Settembru 1985 b'dan li nhar it-12 ta' Dicembru 1993 izzewweg lil certu Theresa Galdes u frott ta' dan iz-zwieg twieldet tifla li semmewha Michelle Marie. Jghid li r-relazzjoni tieghu mal-intimata kienet mibnija fuq qerq u gideb min-naha taghha u mhux fuq imhabba genwina.

"**<u>Il-Provi Migbura</u>**

"Il-Qorti tirrileva li gie allegat il-process tal-kawza 376/1983 fl-ismijiet premessi fejn jirrizulta bl-aktar mod car li z-zwieg ta' bejn il-partijiet gie dikjarat null permezz ta' sentenza datata l-10 ta' Settembru 1985.

"Anness mal-affidavit tar-rikorrent jigi esebit ukoll document maghmul minn Glyn Davies fejn jiddiskrivi l-intimata u l-karattru taghha bl-aktar mod dettaljat[6] kif ukoll kopja tad-decizjoni moghtija mit-Tribunal Ekklezjastiku[7].

"Permezz tax-xiehda tieghu datata l-24 ta' Gunju 2014, ir-rikorrent jipprezenta wkoll ix-xhieda li tressqu quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku, liema xiehda giet ikkupjata u sussegwentement tajpjata mir-rikorrent stess[8].

"**<u>Il-Mertu tal-Kaz Odjern</u>**

"Illi l-mertu tal-kaz odjern idur fuq Artikolu 20(1) tal-Kap255 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

> "***Jekk zwieg ikun dikjarat null l-effetti taz-zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu favur il-mizzewgin sakemm is-sentenza ta' nullita' tkun saret res judicata meta l-mizzewgin ikunu zzewgu in buona fede***"

"filwaqt li sub-artikolu (3) jsegwi hekk:

> "***Jekk wahda biss mill-partijiet kienet in buona fede dawk l-effetti japplikaw favur taghha u favur l-ulied***".

"Permezz tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, r-rikorrent jargumenta li l-effetti taz-zwieg li jigi dikjarat null jibqghu jezistu biss jekk il-mizzewgin ikunu zzewgu in buona fede.

"Il-qorti tirrileva li huwa minnu li gie dikjarat li z-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-intimata, pero' l-fatt li inghatat tali 'tort' mhux necessarjament ifisser li l-istess intimata kienet

---

[6]Ara a fol 16 tal-process
[7]Ara a fol 17 tal-process
[8]Ara a fol 33 tal-process

in mala fede. Anke mill-qari tas-sentenza tat-Tribunal Ekklezjastiku, jirrizulta li minkejja li l-intimata kienet responsabbli ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' abbazi tal-karattru taghha u n-nuqqas ta' *commitment,* dan ma jfissirx li l-istess intimata dahlet ghal dan iz-zwieg intenzjonalment b'mala fede. Tant hu hekk li ssir enfasi fuq in-nuqqas ta' maturita' da parti tal-istess intimata u nuqqas ta' diskrezzjoni tal-gudizzju li wasslu ghal dikjarazzjoni ta' nullita', imma mhux il-mala fede. Mix-xiehda tal-istess intimata li tat quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku jkompli jirrizulta li ghalkemm l-intimata verament ma kienitx thobb lir-rikorrent, izzewgitu ghaliex kienet tithassru, kellha pressjoni mill-genituri taghha u fuq kollox ghaliex kienet immatura wisq biex tifhem x'pass importanti kienet ser taghmel. Dan kollu juri li l-intimata verament kellha nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fid-decizjoni taghha li tizzewweg (anke ghaliex ghaliha z-zwieg kien ifisser harba mir-restrizzjonijiet tad-dar) izda ma zzewgitx in mala fede.

"Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talba attrici.

"Spejjez fic-cirkustanzi jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet".

## L-Appell

5. Permezz tal-appell tieghu, ipprezentat fit-2 ta' Jannar 2015, l-attur qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba tieghu, b'dan illi tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet giet terminata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata.

6. Ghalkemm debitament notifikata bir-rikors tal-appell, il-konvenuta ma pprezentat l-ebda risposta ghal dan l-appell.

## L-Aggravju

7. Permezz tal-aggravju tieghu l-attur jikkontendi illi kull ma kellha taghmel l-ewwel Qorti huwa li tara li s-sentenza tal-anullament tal-10 ta'

Settembru 1985 saret *res judicata* u bhala konsegwenza tiddikjara illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ma ghadhiex tezisti.

8. Jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti kkoncentrat biss fuq jekk gietx ippruvata l-*mala fede* tal-konvenuta, u minhabba l-fatt li skont l-ewwel Qorti ma gietx ippruvata, cahdet it-talba. Izda jghid ukoll illi irrispettivament mill-fatt jekk il-*mala fede* tal-konvenuta gietx ippruvata, xorta wahda l-Qorti kellha taccetta u tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti giet itterminata. Il-fatt li l-konvenuta ghazlet li tibqa' fi stat ta' kontumacja jfisser li tacitament accettat il-*mala fede* guramentata tieghu.

9. Isostni li l-konsegwenza logika u naturali tas-sentenza tal-annullament hija li tigi ddikjarata t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u dan minbarra l-fattur tat-trapass taz-zmien ta' kwazi tletin sena. Jghid li skont l-Artikolu 20(1), meta zwieg jigi dikjarat null, ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti jitqies li jibqa' jezisti sakemm is-sentenza ta' nullita` ssir *res judicata*.

10. L-attur jghid illi l-ewwel Qorti ssollevat eccezzjoni li l-konvenuta ma ssollevatx u ghalhekk marret kontra l-principju *quod non est in actis non est in mundo*. Jghid li l-Artikolu 20 jgib il-konsegwenza naturali tat-tmiem tal-komunjoni tal-akkwisti *multo magis* meta jkun hemm il-*mala fede*. Ghalhekk, anke minn din l-ottika, huwa rnexxilu jipprova l-*mala fede*

necessarja sabiex il-Qorti tiddeciedi li qatt ma kienet tezisti tali komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

11. Jissottometti li kemm is-sentenza tal-ewwel Qorti kif ukoll is-sentenza tat-Tribunal Ekklesjastiku jirrikonoxxu illi t-tort kien attribwibbli unikament lill-konvenuta, u jissenjala illi ghalkemm il-konvenuta kienet konxja mill-fatt li ma kenitx thobbu hija xorta ghazlet li tintrabat mieghu. Jghid li l-affidavit tieghu in atti, li fih jirrelata l-istorja tieghu mal-konvenuta, huwa turija cara tal-*mala fede* tal-konvenuta. Ikompli jsostni li din il-kwistjoni giet sollevata mill-ewwel Qorti u mhux mill-konvenuta.

12. Jikkonkludi billi jghid illi l-ewwel Qorti kellha jew tiddeciedi li l-komunjoni tal-akkwisti giet terminata fl-10 ta' Settembru 1985, jew inkella li dan ir-regim qatt ma ezista bejn il-partijiet.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

13. In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) **Stellini v. Tabone**[9] deciza fil-31 ta' Jannar 2008, fejn il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li jghoddu wkoll ghall-kaz odjern:

> "Illi in tema legali jigi osservat li l-kuncett ta' zwieg putattiv gie introdott fis-sistema guridiku nostrali bl-Att numru XXXIV tas-sena 1981 li ssostitwixxa l-artikolu 20 kif kien vigenti f'dak iz-zmien; u dana bhala

[9] PA [NC] Cit.2613/98

eccezzjoni ghall-principju li *"quod nullum est, nullum producit effectum"* u huwa primarjament intiz sabiex jikkawtela d-drittijiet tat-tfal li jkunu twieldu fi zwieg li sussegwentement jigi dikjarat null; izda mhux biss, ghax permezz ta' dan l-artikolu l-legislatur ried ukoll jikkawtela l-effetti civili tal-konjugi li jkunu, jew tal-konjugi li jkun, in *buona fede*. L-iskop tal-legislatur f'dan ir-rigward jirrizulta car minn qari tad-disposizzjoni tal-ligi, u jsib konfort qawwi fid-diskussjonijiet li saru meta din il-ligi kienet qeda tigi diskussa fil-Parliament.[10]

"..........jirrizulta car li, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-konvenut, l-artikolu 20 ma jirrigwardax biss l-istatus tal-konjugi u ta' uliedhom wara l-annullament taz-zwieg, izda jirrigwarda wkoll l-effetti civili patrimonjali tal-konjugi. Dan jirrizulta car ukoll mill-kontenut tas-sub inciz [5] li jimponi fuq il-konjugi li jkun responsabbli ghall-annullament taz-zwieg, l-obbligu li jmantni ghal perijodu kwinkwennali, lill-konjugi l-iehor li jkun in buona fede. Inoltre *quod lex voluit lex dixit*; u l-ligi tghid biss "effetti civili" minghajr distinzjoni u ghalhekk tapplika l-massima legali li *quod lex non distinguit nec nos distinguere debemus.*

"Illi minn qari tad-disposizzjoni in dizamina, jirrizulta manifest li l-kriterju, jew ahjar l-ingredjent, principali sabiex jissussisti z-zwieg putattiv, bejn il-konjugi[11], huwa l-ezistenza tal-*buona fede* da parti taz-zewg konjugi jew da parti ta' wiehed biss. Fl-ewwel kaz l-effetti patrimonjali ta' zwieg civili "jitqiesu li kienu jezistu favur il-mizzewwgin sakemm is-sentenza ta' nullita' tkun saret res judicata..", filwaqt li fit-tieni kaz, dawn l-effetti jissussistu biss favur il-konjugi in buona fede.

"Illi rigward l-fattur tal-*buona fede* tal-konjugi, l-awtur Taljan, Francesco Gazzjoni fit-trattat tieghu "Manuale di Diritto Privato"[12] fil-kummenti tieghu dwar "Il matrimonio putativo" u l-ingredjenti tieghu, jghid : "Per quanto riguarda la buona fede, in questo caso essa equivale a ignoranza delle causa di invalidita'. L' errore puo' essere di fatto …di diritto … e puo' anche essere teoricamente inescusabile. Secondo le regole generali la buona fede si presume e deve essere presente al momento della celebrazione del matrimonio [mala fides superveniens non nocet]. Il dubbio circa l' invalidita' e' sufficiente ad escludere la buona fede."

---

[10]Vide Parliamentary Debates – Seduta nru.531 mizmuma 29 ta' Lulju 1981.
*"In propositu, il-Ministru tal-Gustizzja ta' dak iz-zmien qal, inter alia hekk: "U allura hawnhekk qed noholqu effetti civili ghal dak iz-zwieg li jkun gie annullat u jissejjah zwieg putattiv. It-tfal jibqghu dejjem ikkunsidrati legittimi .. [omissis].. Barra minn hekk, qedin niehdu hsieb li sakemm ikun hemm iz-zwieg ghadu ma giex annullat, dak il-perijodu ghandu, ghall-aspett civili, jitqies li z-zwieg ezista. Jigifieri dawk li huma drittijiet, per ezempju …." u l-Onorevoli Ministru jkompli biex jghati ezempji dwar id-drittijiet patrimonjali tal-konjugi; u jishaq fuq il-fatt li, bejn il-konjugi, il-ligi hija ntiza biex tipproteggi dak il-konjugi li jkun in buona fede, kontra l-mala fede tal-konjugi l-iehor, distinzjoni li nsibuha fil-ligi Taljana; u aktar il-quddiem fid-diskors tieghu isemmi prorpju l-kaz ta' eskluzjoni posittiva bhala ezempju ta' mala fede da parti tal-konjugi."*
[11]Jigi osservat li skond is-subinciz [2] l-effetti ta' zwieg validu rigwardanti t-tfal jezisti "dejjem" irrispettivament mill-ezistenza tal-buona fede o meno tal-partijet.
[12]Edizione X - 2003

> "Illi fil-kaz in disamina l-mala fede da parti ta' l-attrici tirrizulta cara u manifesta mill-kontenut tas-sentenza ta' l-annullament, u senjatament mill-parti dispositiva. F'dan il-kaz, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet f'termini cari li z-zwieg kien null unikament minhabba l-fatt li l-attrici ssimulat il-kunsens bl-eskluzjoni posittiva ta' wiehed mill-element essenzjali taz-zwieg, cioe' l-att taz-zwieg, u konsegwentement addebitat l-ispejjez kollha fuq l-istess attrici.
>
> "Illi, rigward is-sottomissjoni attrici li, gjaladarba ma hemmx dikjarazzjoni fis-sens li l-attrici kienet in mala fede, u gjaladarba ma ntalbitx tali dikjarazzjoni, allura mhux legalment permess li din il-Qorti tinvesti dan il-punt; din il-Qorti tosserva li dak li gie deciz fis-sentenza ta' l-annullament, jwassal b'mod esplicitu ghal *mala fede* ta' l-attrici. Dan jirrizulta manifest mir-raguni ta' l-annullament li hija unikament imputabbli lill-attrici, u li tikkonsisti fil-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] li jikkontempla l-kaz ta' vizzju tal-kunsens da parti ta' minn b'att posittiv tal-volonta' tieghu jeskludi obbligazzjoni essenzjali ghaz-zwieg. Il-*mala fede* ta' l-attrici tohrog car, anke jekk mhux espressament dikjarat mill-Qorti, mill-fatt li dina ngannat lill-konvenut meta esternament ghaddiet minn cerimonja ta zwieg, izda internament eskludiet li jsir l-att taz-zwieg. Dik il-Qorti qalet obiter li "jidher li meta hija tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg [hija] kellha l-intenzjoni illi ccahhad lill-konvenut mill-att matrimonjali." Minn naha tieghu l-konvenut ma giet addebitat b'ebda htija, tant li ma giex ordnat jippartecipa fil-hlas ta' l-ispejjez gudizzjarji."

14. Hu importanti ghalhekk li jigi determinat jekk fil-kawza tal-annullament taz-zwieg kienx jezisti qerq ta' parti fil-konfront tal-parti l-ohra, jew jekk it-tnejn kienux *in buona fede* jew jekk it-tnejn kienux *in mala fede*. Dan ghaliex skont l-Artikolu 20 tal-Kap 255, jekk iz-zewg partijiet ikunu *in buona fede*, il-komunjoni tal-akkwisti tal-akkwisti titqies illi kienet tezisti favur iz-zewg mizzewwgin sad-data li fiha s-sentenza ta' nullita` tkun saret *res judicata*; jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet *in buona fede*, l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew li gew konċepiti matul iz-zwieg u dawk li jitwieldu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenza ta' nullità,

filwaqt illi jekk parti wahda biss kienet *in buona fede*, allura l-effetti taz-zwieg validu jissussistu biss favur dak il-konjugi.[13]

15. Fil-kaz in ezami dak li legalment jorbot lill-partijiet huwa dak li kien gie deciz fis-sentenza tal-annullament moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u li ghaddiet f'gudikat; zgur li mhux permess li jerghu jingiebu provi sabiex jigi deciz dak li llum huwa gudikat, salv ovvjament ghal dak li ma kienx gie deciz f'dik is-sentenza, senjatament f'dik il-parti li hi *omissa decisio* u li tirrigwarda t-tieni t-talba li kienet saret f'dik il-kawza sabiex jigi dikjarat li l-attrici kienet iddekadiet mis-sehem taghha tal-komunjoni tal-akkwisti u t-tielet t-talba sabiex jigi dikjarat li l-attrici m' ghandhiex aktar dritt ghall-akkwisti b'effett mid-datat tas-sentenza ta' separazzjoni.

16. F'dik is-sentenza gie deciz li l-konvenuta rikonvenzjonanti, fuq talba taghha stess, kienet unikament hatja ghall-annullament taz-zwieg u konsegwentement giet akkollata thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

17. Ghalhekk dak li jirrigwarda l-fattur tal-*mala fede* da part tal-konvenuta fiz-zmien li hi kienet tat il-kunsens matrimonjali taghha, din il-Qorti toserva fl-ewwel lok, li m'huwiex minnu dak sottomess mill-attur li kienet l-ewwel Qorti li *ex officio* ssollevat dan il-fattur, izda kien l-istess attur li fir-rikors promotur ta' dan il-gudizzju u precizament fil-premessa

[13]Hija din l-interpretazzjoni korretta li tirrizulta ictu oculi minn qari tal-Artikolu 20(1) tal-Kap 255 u mhux dik esposta mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu (fol 53 et seq).

markata numru 6 espressament jghid li "*iz-zwieg bejn il-partijiet ma kienx ikkuntrattat in buona fede*".[14]

18. Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li, ladarba l-Qorti fil-kawza tal-annullament laqghet it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta ghar-ragunijiet indikati minnha fl-Artikolu 19 fuq citat, minghajr ma indikat il-paragrafi relevanti fil-parti dispositiva tas-sentenza, dan ghandu jfisser li dik il-Qorti laqghet il-kontro-talba abbazi tal-paragrafi kollha indikati minnha fil-premessa tal-kontro-talba bhala ragunijiet ghall-akkoljiment tal-istess talba, fosthom is-simulazzjoni kontemplata fil-paragrafu [f] tal-istess artikolu. Ladarba dan hu hekk, mhux il-kaz li wara dak il-gudikat jerga' jigi ezaminat dan l-aspett tal-vertenza. Ghaldaqstant ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata rreferiet ghal dak li kien intqal fil-proceduri quddiem it-tribunal eklesjastiku. Jigi ribadit li dak li jghodd fil-ligi huwa dak li diga` gie deciz fil-kawza tal-annullament li saret gudikat.

19. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti hi tal-fehma li, ladarba gie defenittivament deciz li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenuta b'att pozittiv tal-volonta` taghha ssimulat dak il-kunsens, allura l-attur huwa gustifikat fis-sottomissjoni tieghu li, fil-konfront tal-attrici l-komunjoni tal-akkwisti kienet inezistenti *ab initio*, u ghalhekk it-talba tieghu kellha tigi milqugha.

---

[14]Supra

20. Ghaldaqstant l-aggravju huwa gustifikat u ser jigi milqugh.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa’ l-appell tal-attur u tirrevoka s-sentenza appellata u, minflok, tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara li ma tirrizulta l-ebda komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dan stante li z-zwieg taghhom kien gie iddikjarat null u bla effett minhabba ragunijiet attribwibbli lill-konvenuta.

L-ispejjez kollha, kemm tal-ewwel istanza kif ukoll dawk relatati mal-appell odjern, ikunu a kariku tal-konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb